- *Stħarriġ ta' għemil amministrattiv*
- *Limiti tas-setgħat tal-Qorti li tista' tħassar l-att amministrattiv iżda mhux li tieħu hi stess deċiżjoni amministrattiva*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 28 ta' April 2022**

**Rikors Nru. 405/2015 GM**

**Gaetano Cutajar (KI 371447M)**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet u b'digriet tat-18 ta' April 2018 isem l-intimat għandu jaqra Awtorita` tal-Artijiet;**

**u b'digriet tal-15 ta' Mejju 2018 George u Josephine miżżewwġin Cutajar tħallew jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis.***

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat Gaetano Cutajar li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

> Missier l-esponenti, Carmelo Cutajar, illum mejjet, kien jikri diversi fondi mingħand il-Gvern, ossia l-konvenut, f'Xatt Lascaris u Lift Junction ġewwa

Xatt Lascaris, Valletta, liema fondi kienu jintużaw bħala ħwienet tax-xorb u ikel, Lodging House b'post tar-residenza miegħu, Souvenir Shop, fond ieħor bħala store ġewwa Lift Junction, Valletta, u garage wkoll ġewwa Lift Junction, Valletta, li iżda kien ingħata mingħajr kuntratt.

Permezz ta' kuntratt ta' kiri li jġib id-data tas-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u ħdax (2011), il-konvenut Kummissarju tal-Artijiet, ikkonċeda b'titolu ta' kera għal ħmistax-il (15) sena, li jibdew jgħoddu mill-istess data, lil George Cutajar, li jiġi ħu l-esponenti, u lil martu Josephine Cutajar, il-fond, 'F', taħt Telgħet il-Kurċifiss, Floriana, (Dokument 02 anness ma' Dok GC 4), u dan bl-iskop illi jintuża bħala ħanut.

Dan l-imsemmi fond, ossia 'F', taħt Telgħet il-Kurċifiss, Floriana, inkera lill-istess konjuġi George u Josephine Cutajar bħala akkomodazzjoni alternattiva għall-Fond Nru 9, Xatt Lascaris, Valletta, għax skont id-Dipartiment tal-Artijiet il-fond numru 9 Xatt Lascaris, Valletta kien meħtieġ mill-Gvern in konnessjoni ma' proġett pubbliku.

Jirriżulta li dan il-fond, u cioe` 9, Xatt Lascaris, Valletta qatt ma kien fil-pussess ta' George Cutajar u martu Josephine Cutajar, iżda kien biss mikri mingħand il-konvenut lil missier l-imsemmi George Cutajar, u missier l-esponenti, il-mejjet Carmelo Cutajar.

Dan l-istess fond u cioe`, F, taħt Telgħet il-Kurċifiss, Floriana, kien diġa` ngħata f'idejn l-imsemmi George Cutajar u martu Josephine Cutajar, mid-Dipartiment tal-Artijiet xi żmien qabel ma nkera lilhom (u cioe` għall-ħabta tas-snin 2008/2009), aktarx mingħajr ebda kuntratt ta' kiri, sabiex jintuża bħala store, u mhux bħala ħanut, u dan bħala akkomodazzjoni alternattiva għall-fond magħruf bħala "Tunnel ADJ" at Lift Junction, Lascaris Wharf, Valletta, liema fond ossia 'Tunnel ADJ" at Lift Junction, Lascaris Wharf, Valletta, qatt ma kien f'idejn George Cutajar u martu Josephine Cutajar iżda kien biss f'idejn missier George Cutajar u missier l-esponenti, il-mejjet Carmelo Cutajar .

Mhux magħruf x'wassal lid-Dipartiment tal-Artijiet illi l-ewwel jagħti l-fond F, taħt Telgħet il-Kurċifiss Floriana bħala akkomodazzjoni alternattiva għal fond 'Tunnel ADJ', at Lift Junction, Lascaris Wharf, Valletta, u wara xi żmien ibiddel din il-pożizzjoni billi l-kirja tingħata bħala akkomodazzjoni alternattiva għal fond 9, Xatt Lascaris Valletta.

Lanqas ma hu magħruf x'wassal lid-Dipartiment tal-Artijiet, illi jdaħħal fil-kirja lill-imsemmija mart George Cutajar, u cioe` Josephine Cutajar, meta kif qed jingħad, dawn il-fondi kienu f'idejn missier l-esponenti u missier

George Cutajar, ossia l-mejjet Carmelo Cutajar, u allura l-imsemmija Josephine Cutajar mhix werrieta tal-imsemmi Carmelo Cutajar.

Inoltre, permezz ta' ittra ġudizzjarja responsiva ppreżentata nhar it-22 ta' April 2015, bħala risposta għall-ittra ġudizzjarja tal-esponenti, il-konvenut iddikjara illi l-kirja saret bħala akkommodazzjoni alternattiva għal żewġ fondi, u cioe` wieħed fix-Xatt ta' Lascaris, il-Belt Valletta, u l-ieħor, f'Tunnel ADJ, Lift Junction, Valletta, (Dok GC 7) meta kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża, dawn iż-żewġ fondi qatt ma kienu f'idejn George Cutajar u martu Josephine Cutajar, stante li kienu f'idejn missieru u missier l-esponenti, Carmelo Cutajar, illum mejjet.

Peress li kif dikjarat mill-konvenut, dan il-fond ingħata bħala akkomodazzjoni alternattiva għal żewġ fondi oħra li fil-fatt oriġinarjament kienu jinkrew lil missier l-esponenti u missier l-imsemmi George Cutajar, il-mejjet Carmelo Cutajar, allura kien isegwi illi kwalunkwe akkomodazzjoni alternattiva għall-istess, purche tingħata, ma' tingħatax lil George Cutajar u lil martu Josephine, iżda lil George Cutajar u lill-esponenti Gaetano Cutajar ladarba dawn huma aħwa wlied il-mejjet Carmelo Cutajar.

Minn meta l-esponeni sar jaf b'dan il-kuntratt ta' kiri, huwa kkorisponda diversi drabi, mal-intimat, sabiex din il-kwistjoni tiġi rimedjata, fejn 'inter alia' permezz ta' tlett (3) ittri li jġibu d-data tat-3 ta' Lulju 2013, tal-15 ta' Novembru 2013, u tas-26 ta' Ġunju 2014 rispettivament, (Annessi u mmarkati Dok GC 1 sa Dok GC 3), l-esponenti reġa' talab sabiex il-konvenut jirrimedja din il-kwistjoni billi l-esponenti jingħata l-istess trattament bħal ma' l-konvenut ta lil ħuh George Cutajar, u dan in vista tal-premess.

Permezz ta' e-mail li ġġib id-data tal-4 ta' Novembru 2014, il-konvenut Kummissarju tal-Artijiet ikkomunika d-deċiżjoni tiegħu illi ma jilqax it-talbiet tal-esponenti, u dan peress li skont l-istess konvenut dawn ma jaqgħux fil-parametri tal-Kap. 268 tal-Liġijiet ta' Malta. (Dokument 01 anness ma' Dok GC 4).

Minkejja dan, l-esponenti reġa' kiteb lill-istess konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet permezz ta' ittra li ġġib id-data tas-17 ta' Novembru 2014, fejn talab lill-konvenut jaċċettah bħala ko-inkwilin flimkien ma' ħuh George Cutajar, iżda l-konvenut baqa' inadempjenti. (Dok GC 4).

Il-konvenut ilu jaf sa mis-sena 2000, ossia wara li miet missier l-esponenti, meta l-esponenti kien għarrfu permezz ta' ittra li ġġib id-data tat-8 ta' Ġunju 2000, (Dok GC 5) li huwa flimkien ma' ħuh George Cutajar kienu qed jitolbu li jiġu rikonoxxuti bħala inkwilini tal-fond Tunnel ADJ Lift Junction Valletta, u 16 Xatt Lascaris Valletta, u dana skont it-testment ta' missierhom li kopja tiegħu kienet intbagħtet lill-Kummissarju ta' l-Artijiet.

Permezz ta' emails u anke telefonati matul Frar u Marzu 2015 saru numru ta' talbiet sabiex issir laqgħa mal-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jinstab rimedju għat-talbiet ta' l-esponenti sabiex tiġi evitata kawża, madanakollu l-konvenut baqa' inadempjenti.

Permezz ta' ittra ġudizzjarja ppreżentata kontra l-konvenut nhar id-9 ta' April 2015, l-esponenti interpella lill-konvenut sabiex jirrevoka d-deċiżjoni tiegħu tal-4 ta' Novembru 2014, u konsegwentement interpellah sabiex fi żmien ħamest (5) ijiem, jirrikonoxxih bħala ko-inkwilin fil-fond 'F', taħt Telgħet il-Kurċifiss, Floriana. (Annessa Dok GC 6 ).

Permezz ta' ittra ġudizzjarja, ppreżentata nhar it-22 ta' April 2015, il-konvenut ċaħad din it-talba tal-esponenti, illi jirrikonoxxih bħala ko-inkwilin fil-fond 'F', taħt Telgħet il-Kurċifiss, Floriana. (Annessa Dok GC 7).

Id-deċiżjonijiet meħuda mill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet; (1) permezz tar-rifjut li jagħti l-istess trattament lill-esponenti, bħal ma' ta lil ħuh George Cutajar, kif kontenut fl-email tal-4 ta' Novembru 2014; u, (2) permezz tar-rifjut sabiex l-esponenti jiġi rikonoxxut bħala ko-inkwilin fil-fond 'F', taħt Telgħet il-Kurċifiss, Floriana, flimkiem ma' ħuh George Cutajar u martu Josephine Cutajar, permezz tal-ittra ġudizzjarja li ġġib id-data tat-22 ta' April 2015, għat-talba magħmula mill-esponent, permezz tal-ittra datata 17 ta' Novembru 2014, kif ukoll l-ittra ġudizzjarja tad-9 ta' April 2015; huma għemil amministrattiv li jikser il-Kostituzzjoni, kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.

L-imsemmija deċiżjonijiet tal-Kummissarju tal-Artijiet huma wkoll għemil amministrattiv 'ultra vires', stante li l-konvenut naqas milli josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil, kif ukoll jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita' pubblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti, kif ukoll imur kontra l-liġi, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.

Għalhekk, jeżistu raġunijiet biżżejjed taħt l-Artikolu 469 A, subinċiż (1) paragrafi (a) u (b) (ii) (iii) u (iv), tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex il-validita` ta' tali għemil amministrattiv tiġi mistħarrġa minn din l-Onorabbli Qorti, u konsegwentement jiġi dikjarat null, invalidu u mingħajr effett.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara null, invalidu u mingħajr effett, l-għemil amministrattiv magħmul mill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet, permezz tad-deċiżjoni tiegħu ta' nhar l-4 ta' Novembru 2014, li jirrifjuta li jagħti l-istess trattament lill-esponenti, bħal ma' ta lil ħuh George Cutajar, kif kontenut fl-email tal-4 ta' Novembru 2014, u permezz tad-deċiżjoni tiegħu, fl-ittra ġudizzjarja tat-22 ta' April 2015, li jirrifjuta t-talba magħmula mill-esponent permezz tal-ittra tas-17 ta' Novembru 2014, u permezz tal-ittra ġudizzjarja tad-9 ta' April 2015, li jirrikonoxxi lill-esponent bħala ko-inkwilin fil-fond 'F', taħt Telgħet il-Kurċifiss, Floriana, flimkien ma' ħuh George Cutajar u martu Josephine Cutajar; u dan stante li jikser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 469 A, subinċiż (1) paragrafi (a) u (b) (ii) (iii) u (iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u;

2. Konsegwentement tordna lill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet jirrikonoxxi lill-esponenti Gaetano Cutajar, bħala ko-inkwilin fil-fond 'F', taħt Telgħet il-Kurċifiss, Floriana, flimkien ma' ħuh George Cutajar u martu Josephine Cutajar, u dan taħt l-istess kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' kiri li jġib id-data tas-6 ta' Lulju tas-sena elfejn u ħdax (2011).

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Kummissarju tal-Artijiet li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Preliminarjament ir-rikorrent ma indikax liema huwa dak l-artikolu tal-liġi li jagħtih il-jedd li jiġi rikonoxxut bħala ko-inkwilin. Tabilħaqq ir-rikorrent ma jistax jattakka d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet jekk qabel ma jurix fuq liema bażi legali huwa qiegħed jippretendi li jiġi rikonoxxut bħala ko-inkwilin. F'dawn iċ-ċirkostanzi jonqos fir-rikorrenti jonqos fir-rikorrenti l-interess ġuridiku meħtieġ biex jissokta b' din l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju;

2. In linea preliminari wkoll, ladarba fit-tieni talba tiegħu r-rikorrent qiegħed jippretendi li jiġi magħruf bħala ko-inkwilin flimkien ma' George u Josephine Cutajar, allura huwa meħtieġ għall-aħjar integrita` ta' dan il-ġudizzju li jiġu msejħa fil-kawża l-imsemmija konjuġi Cutajar tat-termini tal-artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet li ma jilqax it-talba tar-rikorrent sabiex jiġi rikonoxxut fil-kirja ta' Store F, Lascaris Wharf ma tammontax għemil amministrattiv li taqa' fil-parametri tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Id-deċiżjoni tal-Kummissariu tal-Artijiet ma taqax fl-isfera tal-amministrazzjoni pubblika imma fl-isfera tal-amministrazzjoni privata. Fir-relazzjonijiet kuntrattwali tiegħu, il-Kummissarju tal-Artijiet għandu jiġi trattat bħal privat. Bħalma kull sid ta' ġid privat għandu dritt li jiddisponi minn ġidu kif iħoss li huwa l-aħjar, hekk ukoll il-Kummissarju tal-Aritjiet bħala sid tal-ġid tiegħu għandu drtitt li jiddisponi mill-proprjeta` tiegħu kif iħoss li huwa xieraq. L-unika limitazzjonijiet li għandu l-Kummissarju tal-Artijiet huma dawk li jinsabu dettati fil-Kap 268 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant ir-rikorrenti ma jistax jikkmanda lill-Kummissarju tal-Artijiet kif għandu jqassam il-ġid amminstrat minnu u fl-istess waqt huwa ma jistax jippretendi li jistħarreġ ġudizzjarjament id-deċiżjoniiiet tal-Kummissarju tal-Artijiet f' dan is-sens;

4. Anke jekk stess id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet titqies li hija waħda li tista' tiġi sindikata taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-fehma tal-esponent ma teżisti l-ebda raġuni tajba għaliex din id-deċiżjoni għandha tiġi mħassra. Dan qed jingħad għaliex id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet la ttieħdet b'mod ultra vires kif mifhum taħt dan l-artikolu u lanqas bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

5. Wara kollox il-pretensjonijiet vantati mir-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt minħabba li huwa m'għandu l-ebda jedd skont il-liġi tal-kera kif imfissra fil-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jiġi rikonoxxut fil-kirja bħalma lanqas m'għandu xi dritt ta' preferenza li jakkwista l-kirja;

6. Ukoll it-talba tar-rikorrent ma tinkwadrax fil-provvedimenti tal-Kap 268 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant ir-rikorrent m'għandu ebda dritt vestit sabiex jigi rikonoxxut fil-kirja tal-fond Store F, Lascaris Wharf, Valletta. Għalhekk id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet ma jistax jingħad li ttieħdet bi ksur tal-liġi jew għal xi raġunjijiet irrilevanti jew mhux xierqa;

7. Il-fatt waħdu illi l-Kummissarju tal-Artijiet għażel li jagħti kirja lil George u Josephine Cutajar ma jfissirx illi l-esponent għandu huwa wkoll l-istess dritt fuq din il-kirja. Il-fatt li ħaddieħor ingħata kirja ma jagħtiħx id-dritt awtomatiku li anke hu jingħata xi kirja. Ma jagħmilx sens li kull meta l-Kummissarju tal-Artijiet jiffirma xi lokazzjoni ma' individwu, huwa għandu jiġi kostrett li jagħti parti mil-lokazzjoni wkoll lil aħwa jew qraba ta' dak l-individwu;

8. F'dan il-każ lanqas ma jirriżulta li d-deċiżjoni ttieħdet bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali għaliex billi t-talba kienet ġejja mir-rikorrent stess allura l-Kummissarju tal-Artijiet sema' x'kellu xi jgħid l-istess rikorrent b'dan għalhekk li ma ġiex mittiefes il-prinċipju tal-*audi olterem partem.* Lanqas ir-rikorrent ma indika li l-Kummissarju tal-Artijiet naqas milli jimxi ma' xi ħtiġijiet proċedurali li huma mandatorji;

9. Dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, għalkemm ir-rikorrent jallega li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet tikser il-Kostituzzjoni ta' Malta, huwa bl-ebda mod ma jfisser kif wasal għal din il-konkluzjoni. F'kull każ, jekk bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta r-rikorrent qiegħed jifhem għall-jedd tiegħu li ma jiġix trattat differenti minn ħaddieħor, allura jissokta jingħad li skont ġurisprudenza paċifika tali ilment jeżorbita l-parametri tal-azzjoni tal-istħarriġ ġudizzjarju;

10. Lil hinn minn dan, l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta mqanqla mir-rikorrent xorta waħda ma tistax tiġi mistħarrġa għaliex din ma ġietx marbuta ma' xi wieħed mill-motivi li nsibu tassattivament imsemmija fl-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

11. F'kull każ l-esponent jiċħad kwalunkwe allegazzjoni ta' diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent;

12. Fl-aħħarnett mingħajr preġudizzju għal dak li ngħad, ir-rikorrent lanqas ma jista' juża l-proċedura tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiġi dikjarat ko-inkwilin flimkien ma' ħuh. L-azzjoni tal-istħarriġ ġudizzjarju jekk tirnexxi twassal biss għat-tħassir tal-għemil amministrattiv u mhux biex il-Qorti tieħu deċiżjoni ammistrattiva minflok l-awtorita` kompetenti. F'dan ir-rigward għalhekk it-tieni talba tar-rikorrent hija inammissibbli.

Rat is-sentenza tagħha in parte, diversament ippreseduta, tal-14 ta' Frar 2018 li permezz tagħha ċaħdet l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-konvenuta.[1]

Rat id-digriet tagħha, diversament ippreseduta, tas-26 ta' Frar 2018 li permezz tiegħu ammettiet lil George u Josephine Cutajar biex jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis.*[2]

L-intervenjenti eċċepew li:

> Qabel xejn l-azzjoni tal-attur hija waħda preskritta stante li l-esponenti ħadu l-fond 'F' taħt Telgħet il-Kurċifiss, Floriana fis-sena 2009; L-attur kien jaf ben tajjeb dwar dan il-fatt u għaldaqstant jekk l-attur ried jieħu azzjoni dan kellu jagħmlu fiż-żmien sitt xhur ai termini ta' l-artikolu 469A(3);
>
> Mingħajr preġudizzju għal dan t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
>
> Preliminarjament il-Kummissarju tal-Artijiet kien tajjeb fid-deċiżjoni tiegħu datata 4 ta' Novembru 2014 li jirrifjuta li l-jagħti l-istess trattament lill-attur bħal ma' ta lill-esponenti kif kontentut fl-email 4 ta' Novembru 2014 u permezz tad-deċiżjoni tiegħu fl-ittra ġudizzjarja tat-22 ta' April 2015 li irrifjuta t-talba ta' l-attur permezz tal-ittra tas-17 ta' Novembru 2014 u permezz tal-ittra ġudizzjarja tad-9 ta' April 2015 li jirrikonoxxu lill-attur bħala ko-inkwilin fil-fond 'F' taħt Telgħet il-Kurċifiss, Floriana flimkien mal-esponeti;
>
> Is-segwi għalhekk li l-Kummissarju tal-Artijiet ma għandux jirrikonoxxi lill-atttur bħala ko-inkiwlin fil-fond 'F' taħt Telgħet il-Kurċifiss, Floriana mal-esponenti u dan peress li l-attur ma għandux dritt li jiġi rikonoxxut hekk kif se jiġi spjegat aħjar fil-mori tal-kawża;
>
> L-attur u l-esponenti ma kienux fl-istess sitwazzjoni u ma kellhomx l-istess drittijiet u għalhekk l-Kummissajru tal-Artijiet kien ġust meta ddeċieda u irrifjuta t-talba tal-attur sabiex jiġi ko-inkwilin ma l-esponenti hekk kif se jiġi spjegat aħjar fil-mori tal-kawża;

[1] Fol 80
[2] Fol 92

L-esponenti jaqblu mal-premessa tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet li d-deċiżjoni meħuda minnu ma hix ultra vires u lanqas tmur kontra l-Kostituzzjoni tal-Malta;

L-esponenti jaqbel ukoll mal-premessa tal-Kummissarju tal-Artijiet li l-attur ma għandu l-ebda dritt vestit sabiex jiġi rkonoxxut fil-kira in kwistjoni u għalhekk id-deċiżjoni tiegħu kienet waħda skont il-liġi;

Kif sejjer jiġi spjegat fil-mori tal-kawża l-attur huwa żbaljat fuq il-fatti tal-każ u kif esponihom fir-rikors tiegħu;

Rat l-atti l-oħrajn kollha tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Il-pożizzjoni ġuridika tal-istitut tal-intervenjent fil-kawża hija kemmxejn neboluża. Skont l-Art. 960 huwa jiddaħħal "bħala parti fil-kawża" iżda minkejja dan il-ġurisprudenza tagħna tirritjeni li l-intervenjenti ma hux "parti" jew "kontendent", cjoe` hu ma jsirx la attur u lanqas konvenut[3] iżda li b' danakollu, bhala ammess fil-kawza, hu jista' anki "*sostenendo la ragione sia dell' attore, sia del convenuto, ed altre volte pure i proprii diritti in confront sia dell' uno che dell'altro, provocare una decisione entro i limiti dell' azione intentata, la quale stabilire certi fatti o certi diritti, siano favorevoli siano contrari a lui stesso, senza essere liberato o condannato*" [4]. Saħansitra ngħad li jista', bil-permess tal-Qorti, jqanqal kwalunkwe eċċezzjoni biex juri n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti[5].

Fil-proċedura preżenti, l-intervenjenti jqanqlu dak li jsejħulha l-"preskrizzjoni" jew aħjar il-perenzjoni tal-azzjoni ta' sitt xhur a tenur tal-Artiklu 469A(3) għar-raġuni li d-deċiżjoni li jingħataw il-fond *de quo* b'titlu ta' lokazzjoni ttieħdet fis-

[3] **Kollez. Vol. XXXI.i.321**
[4] **Kollez. Vol. XVI.i.117; Vol. XXX.i.190**; David Chetchuti v Richard Kandler 15.11.2006 Qorti tal-Appell (*coram* Onor. Imħ. Philip Sciberras)
[5] Michele Cefai v Angelo Cutajar 14.04.1947 Qorti tal-Appell

sena 2009 filwaqt li l-kawża nfetħet snin wara, fis-sena 2015. Id-deċiżjoni amministrattiva li qiegħed jattakka l-attur mhijiex din imma hi r-rifjut li jiġi ammess bħala ko-inkwilin li ttieħdet fit-2014 u l-kawża nfetħet entro t-terminu ta' sitt xhur minn dik id-deċiżjoni. Għalhekk din l-eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.

Fl-10 ta' Marzu 1964, Carmelo Cutajar iffirma kuntratt ta' kera mal-Kummissarju tal-Artijiet fuq il-ħanut numru 9 f'Lascaris Wharf Valletta għal 4 snin. Jidher, mill-fajls dipartimentali,[6] li din il-kirja baqgħet tiġġedded, sakemm fin-1984 twaqqfet biex tiġi pprovduta entratura għall-Police Licencing Offices.[7] B'ittra tat-18 t'Ottubru 1988 Carmelo Cutajar talab li jieħu lura l-ħanut għaliex skontu l-Police Licensing Office ma baqax jokkupa dan il-fond.[8] B'ittra tas-26 ta' Jannar 1991, Carmelo Cutajar talab li minflok il-fond numru 9 jiġi rikonoxxut bħala inkwilin ta' garaxx f'lift junction, faċċata ta' fejn kien il-lift qabel, u li kien ġie mogħti lilu bil-kelma. Ebda kuntratt ma jirriżulta fir-rigward ta' dan il-garaxx.

Fil-15 ta' Mejju 1970, Carmelo Cutajar ingħata b'*encroachment* it-"tunnel section in the bastion adjacent to the lift junction, Valletta.

Carmelo Cutajar miet fl-24 ta' Jannar 1999. Is-suċċessjoni tiegħu ġiet regolata permezz tat-testment tiegħu tat-8 t'Ottubru 1998 li Permezz tiegħu ħalla b'titlu ta' prelegat lil tlieta minn uliedu – George, Gaetano u Charles - l-inkwilinat ta' appartamenti numri 1 u 2 fil-blokk 16, Lascaris Wharf, Valletta kif ukoll tal-istore/ħanut Tunnel ADJ Lift Junction, Marina Valletta proprjetajiet tal-Gvern ta' Malta.[9] Id-Direttur tal-Artijiet A.V. Mamo b'ittra tas-6 ta' Marzu 2003, aċċetta t-talba tal-imsemmija aħwa biex idawwar l-inkwilinat tal-appartament 16/2 fuqhom iżda mhux ukoll tat-tunnel, għaliex, dan kien b'titlu ta' encroachment u

[6] fol 298
[7] fol 298
[8] fol 299
[9] Testment, ir-raba' artiklu, a fol 128

skont Kap 268 Disposal of Government Land Act, setgħu ikollhom titlu biss wara l-ħruġ tat-tenders.[10]

Meta bdiet tiġri x-xnieha li t-tunnel kien sejjer jittieħed għall-proġett tal-lift il-ġdid, Gaetano u Gorg ftiehmu li Gorg kellu javviċina lil xi persuni fil-Ministru Austin Gatt biex jingħataw fond alternattiv, u Gorg hekk għamel.

B'ittra tal-25 ta' Settembru 2008 John Debono mill-Ministeru tal-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni ("Il-Ministeru") informa lid-Dipartiment tal-Artijiet li **minħabba l-proġett tal-lift il-ġdid kien hemm ħtieġa li jittieħed Tunnel ADJ** (enfasi miżjuda mill-Qorti) u għamlu talba sabiex tiġi pprovduta akkomodazzjoni alternattiva. Infurmaħ ukoll li George Cutajar **kellu b'titlu ta' kiri** ħanut f'numru 16, Lascaris Wharf, li jaqla' l-għixien tiegħu minnu, u **store fit-Tunnel ADJ**; li kellu bżonn store għal miegħu. Għalhekk issuġġerixxa li George Cutajar jingħata store f'Lascaris Wharf minflok f'Tunnel ADJ, Left Junction, Valletta. B'minuta minn Paul Miruzzi tal-25 ta' Marzu 2009, ġie mitlub lil Dr Jason Azzopardi, biex skont partita 6(ċ) tal-policy fi ħdan il-Kap 268 George Cutajar jingħata encroachment ta' Store F, Lascaris Wharf minflok Tunnel ADJ, minħabba li l-encroachment fuq it-tunnel kien ħa jiġi mitmum minħabba l-Valletta Connections Project. Dr Jason Azzopardi laqa' t-talba. Bi skrittura tas-6 t'April 2009 George Cutajar ingħata l-encoachment ta' Store F. Fit-2 ta' Diċembru 2010, George Cutajar talab li l-encoachment jiġi kkonvertit f'kirja **minħabba li fil-1982 lil missieru l-Gvern kien ħadlu ħanut u minflok taħ garaxx.** Albert Mamo kiteb li t-talba kienet ġustifikata skont l-Iskeda annessa mal-Kap 268. Approvata mis-Segretarju Parlamentari. Fis-6 ta' Lulju 2011 ġie ffirmat kuntratt ta' kera ma' George u Josephine konjugi Cutajar dwar Store F. Il-Kummissarju tal-Artijiet għarafhom bħala inkwilini b'ittra tad-29 ta' Diċembru 2011. L-istore ġie kkonvertit f'ħanut.

[10] fol 126

Dwar dawn l-iżviluppi, Gaetano Cutajar qatt ma ġie nfurmat u sar jaf biss meta kien hemm *fait accompli* wara li għamel indaġni hu.

Gaetano Cutajar talab għalxejn diversi drabi lid-Dipartiment biex jiġi rikonoxxut bħala ko-inkwilin ma' ħuħ. Fis-sena 2011, qal lil ħuħ li kellu sehem mill-kirja. Dan wieġbu li hu kien ħa Store F mhux minflok Tunnel ADJ iżda flok garaxx proprjeta` tal-Gvern ħdejn il-lift l-antik li George kien jokkupa bla titlu (wara li qabad u daħal u sakkru b'katnazz. Tad-Dwana ħaduh lura fis-snin 2000/2001 għal waħda mill-karozzi tad-Dipartiment). L-attur bagħatlu ittra bl-avukat fit-13 ta' Ġunju 2014 bl-istess talba iżda ma rċieva l-ebda tweġiba.

Skont parir tal-Avukat Generali, ladarba Carmelo Cutajar kien ingħata sit alternattiv, id-deċiżjoni biex Store F jinqaleb f'kirja ma kinitx ġusta, speċjalment tenut kont li l-kirja oriġinali kienet għal 4 snin biss; ma kinitx waħda perpetwa; u ntemmet kważi 30 sena qabel is-6 ta' Lulju 2011. F'kull każ jekk George Cutajar ingħata kirja ta' store għal xi ħaġa li ġarrab missieru 30 sena qabel allura Gaetano Cutajar, li hu wkoll werriet ta' Carmelo Cutajar (inkwilin oriġinali) kellu wkoll id-dritt jiġi ttrattat bħal ħuħ.

Permezz ta' email tal-4 ta' Novembru 2014, il-konvenut ċaħad it-talba tal-attur billi ma taqax fil-parametri tal-Kap 268. Meta l-attur baqa' jinsisti fuq it-talba tiegħu minkejja dan ir-rifjut, il-Kummissarju, permezz t'ittra ġudizzjarja taħ bħala raġuni għar-rifjut li l-konjuġi Cutajar kellhom il-kirja ta' żewġ fondi – wieħed fix-Xatt ta' Lascaris, Valletta, u l-ieħor f'Tunnel ADJ, lift junction Valletta, minn fejn ħtiġilhom jiżgumbraw billi kienu meħtieġa għal proġett ta' importanza nazzjonali.

Skont il-minuta mehmuża mal-kuntratt *standard* ta' kiri, iffirmata mill-konjuġi Cutajar u mill-Kummissarju għall-Artijiet[11], il-fond kien qiegħed jinkera "bħala akkomodazzjoni alternattiva għall-Fond Nru. 9 Xatt Lascaris, Valletta, li kien meħtieġ mill-Gvern in konnessjoni ma' proġett pubbliku". Din hija asserzjoni inveritjera magħmula sabiex tqarraq u tagħti sembjanza ta' raġuni legali għall-għoti tal-kirja lill-konjuġi Cutajar mingħajr il-ħruġ tal-offerti. Dan għaliex il-ħanut numru 9 kien mikri lil Carmelo Cutajar u kien ittieħed mingħandu mill-Public Works fis-sena 1982[12]. Għalhekk la kien mikri lill-konjuġi Cutajar u lanqas ittiħdilhom in konnessjoni ma' proġett pubbliku.

Il-mala fede tad-Dipartiment tirriżulta wkoll mill-fatt li għoġbu jagħti tliet verżjonijiet differenti l-għala ngħata l-Fond F b'kirja: (i) minflok Tunnel ADJ, (ii) minflok fond 9 u (iii) minflok l-imsemmija ż-żewġ fondi flimkien.

**Riżultanzi:**

L-attur ġieb prova tajba li:

(i) Id-Dipartiment naqas milli josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali meta naqas li jinforma lill-attur, li kellu jkun ovvju għalih li kien persuna interessata, bl-għoti tal-fond alternattiv lil ħuħ Gorg Cutajar u martu.

(ii) l-għoti tas-sit lill-konjuġi Cutajar sar b'abbuż tas-setgħa tiegħu billi sar għal għanijiet mhux xierqa u ssejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti: "Mhux xierqa" għaliex sar kull sforz biex jiġi "moqdi" Gorg Cutajar a skapitu tal-attur wara pressjoni mill-Ministeru fuq id-Dipartiment; u "Fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti" għaliex ġaladarba d-deċiżjoni rilevanti li l-konjuġi Cutajar jingħataw il-fond F b'titlu ta' kera ttieħdet fuq premessi żbaljati (fosthom li kellhom titlu ta' kera fuq Tunnel ADJ, jew/u fuq il-fond numru 9 kif jammettu

[11] Fol 20
[12] fol 489

uffiċjali tal-Awtorita` stess) u bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 268 (għaliex kellu joħroġ tender), ma kellux imbagħad jinvoka l-istess disposizzjonijiet tal-Kap 268 sabiex iċaħħad lill-attur minn fond alternattiv li fil-verita` kien għat-teħid ta' Tunnel ADJ u mhux għall-fond numru 9.

It-tieni talba tal-attur hi sabiex l-Awtorita` tirrikonoxxih bħala ko-inkwilin fil-fond F. Issa hija ġurisprudenza paċifika, ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell[13], li:

> "27. F'każ li l-qrati ordinarji jigu mitluba jistħarrġu għemil amministrattiv, il-kompetenza tagħhom hi limitata biex tordna li tittieħed deċiżjoni jew biex tħassar dik l-istess deċiżjoni, pero`, ma jaslu qatt biex huma stess jieħdu d-deċiżjoni flok l-awtorita` kompetenti. Jekk liġi tvesti diskrezzjoni f'xi awtorita`, hija dik l-awtorita` li trid tuża' dik id-diskrezzjoni u tieħu d-deċiżjoni; jekk id-deċiżjoni li tittieħed tiġi mhassra, il-kwistjoni tiġi rimessa mill-qorti lill-awtorita` biex dik tieħu d-deċiżjoni taħha kif suppost u fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti. Jekk l-awtorita` ma tieħux deċiżjoni tista' tiġi mgiegħla tagħmel dan, u jista' jigi indikat lilha li r-ragunijiet għaliex kienet qed tittituba milli tieħu deċiżjoni ma kienux relevanti; pero`, finalment hija dik l-awtorita` li trid tieħu d-deċiżjoni, mhux il-Qorti: Hekk, fil-kawza **Grech v. Ministru tax-Xogħlijiet et,** deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fid-29 ta' Jannar 1996 intqal illi:
>
> > '..il-Qrati fil-funzjoni tagħhom ta' *judicial review* tal-operat tal-Ezekuttiv għandhom iva d-dritt li jiddeciedu li att partikolari tal-Ezekuttiv ikun null u bla effett iżda m'għandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni riżervata lill-Ezekuttiv b'dik tagħhom'."

Fil-kawża preċitata, il-Qorti tal-Appell ħasset li kellha tikkummenta (anke jekk ma kienx mertu tal-appell) li ma qablitx mal-ewwel Qorti li pprovdiet li "fit-tieni lok tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent pro et noe kif dedotti kontra s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika kif ċitat billi tordna li sa żmien sebat ijiem mil-lum jibdel id-disposizzjonijiet tal-liċenzja Nru. DL130 mahruga f'isem Chemimart Limited fis-sens illi u limitatament sal-31 ta' Dicembru 2010 ir-rikorrent pro et noe jkun jista' jopera dik il-liċenza għall-finijiet u effetti kollha

[13] App. Ċiv. 11.5.2010 fil-kawża fl-ismijiet Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika et. (S.T.O. Vincent Degaetano, Onor. Imħ. Albert Magri, Onor. Imħ. Tonio Mallia)

tal-ligi mill-fond 20-21, Triq ir-Repubblika, Valletta, minflok il-fond 3, Misrah il-Helsien, Valletta" billi l-ordni tagħha kien jeċċedi l-*vires* tagħha f'kawża ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv.

Hekk ukoll, din il-Qorti, diversament ippreseduta, irrimarkat li:

> "Bħala tali, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju – kemm jekk hija waħda mibdija taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u kif ukoll waħda taħt il-liġi ġenerali – **xogħol il-Qorti huwa dak ta' "kassazzjoni" tal-għemil li minnu jitressaq l-ilment quddiemha[14]**: il-Qorti ma tiħux fuqha b'rimedju t-teħid jew it-twettiq tal-għemil amministrattiv, liema għemil huwa setgħa li l-liġi tagħti biss lill-awtorita' pubblika li tkun"

u għalhekk ċaħdet talba sabiex tordna lill-konvenut Kap Kmandant tal-Forzi Armati biex iressaq lill-attur mill-ġdid għall-eżami prattiku riparatorju[15].

Tabilħaqq, it-test tal-liġi nnifsu (Art. 469A(1) Kap 12) jgħid li "**ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validita` ta' xi għemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-għemil null, invalid, jew mingħajr effett"** iżda jieqaf hawn u ma jissoktax billi jawtorizza lill-Qrati jordnaw ukoll it-twettiq tal-għemil amministrattiv.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

(1) Tilqa' l-eċċezzjoni numru tnax (12) tal-Awtorita` u tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tagħha.

(2) Tiċħad l-eċċezzjoni tal-perenzjoni tal-kawża sollevata mill-intervenjenti fil-kawża.

---

[14] enfasi miżjuda minn din il-Qorti.
[15] Kevin Azzopardi v Prim Ministru 27.03.2014 Prim'Awla (Onor. Imħ. J.R. Micallef)

(3) Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-intervenjenti fil-kawża.

(4) Tilqa' in parte l-ewwel talba billi tiddikjara null, invalidu u mingħajr effett, l-għemil amministrattiv magħmul mill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet, permezz tad-deċiżjoni tiegħu ta' nhar l-4 ta' Novembru 2014, li jirrifjuta li jagħti l-istess trattament lill-esponenti, bħal ma' ta lil ħuh George Cutajar, kif kontenut fl-email tal-4 ta' Novembru 2014, u permezz tad-deċiżjoni tiegħu, fl-ittra ġudizzjarja tat-22 ta' April 2015, li jirrifjuta t-talba magħmula mill-esponent permezz tal-ittra tas-17 ta' Novembru 2014, u permezz tal-ittra ġudizzjarja tad-9 ta' April 2015, li jirrikonoxxi lill-esponent bħala ko-inkwilin fil-fond 'F', taħt Telgħet il-Kurċifiss, Floriana, flimkien ma' ħuh George Cutajar u martu Josephine Cutajar; u dan stante li jikser id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 469 A, subinċiż (1) paragrafi (b) (ii) u (iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

(5) Tiċħad it-tieni talba attriċi billi mhuwiex mogħti lill-Qorti f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju li tagħti rimedju li jmur lil hinn mis-setgħat tagħha f'każ bħal dak.

Tordna li l-ispejjeż jinqasmu żewġ terzi għall-konvenut u terz għall-attur. L-intervenjenti in kawża jħallsu l-ispejjeż tagħhom stess.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA